MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 221/2003

**Express Trailers Ltd**

**vs**

**RHF Industries Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 ta' April tas-sena 2003 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, hames mija u hamsin Liri Maltin (LM2,550.00,0) dovuti mis-socjeta' konvenuta bhala noll u spejjez**

ohra konnessi mal-garr ta' merkanzija, liema garr sar mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, u dan skond ma' jidher fir-rendikont datat 10 ta' April, tas-sena 2003 li huwa anness u mmarkat bhala Dokument A liema ammont l-istess socjeta' konvenuta ammettiet li ghandha taghti lis-socjeta' attrici, (vide kopja ta' l-ittra tas-socjeta' konvenuta datata 20 ta' Dicembru tas-sena 2002 hawn anness u mmarkata bhala Dokument B);

2. Bl-imghax legali mid-dati tal-fatturi rispettivi u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-27 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament it-talbiet tas-socjeta' attrici huma preskritti a tenur ta' l-Artiklu 544 subinciz (a) tal-Kodici Kummerjcali (Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta) u tal-Artikolu 2147 subinciz (d) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub fl-Avviz m'huwiex dovut ghaliex is-somma mitluba in konnessjoni mal-garr ta' merkanzija hija eccessiva;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat is-sentenza taghha datata 31 ta’ Mejju tas-sena 2004 li permezz taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni, dik preliminari, tas-socjeta’ konvenuta u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;**

**Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta datata s-26 t’Ottubru tas-sena 2004 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti;**

**Ghaldaqstant tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta RHF Industries Limited thallas lis-socjeta’ attrici Express Trailers Limited l-ammont ta’ elfejn hames mija u hamsin Lira Maltin (LM2,550.00,0) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-legali.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------